



Kunsill Ewropew

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

EUCO 19/25

CO EUR 16

NOTA

minn:	President tal-Kunsill Ewropew
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Ottubru 2025) - Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab f'dan id-dokument ġie appoġġat bis-sħiħ minn 26 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.

UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod u persistenti tiegħu għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku msaħħaħ lill-Ukrajna u l-poplu tagħha.
3. Minkejja sforzi diplomatiċi sostnuti mill-Istati Uniti u l-Ewropa għall-paċi u r-rieda tal-Ukrajna li taħdem għall-paċi, ir-Russja żiedet l-intensità tal-attakki bil-missili u bid-droni tagħha fuq l-Ukrajna, b'mod partikolari mmirati lejn il-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili, u b'hekk uriet in-nuqqas ta' rieda politika reali tar-Russja li ttemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha u li tinvolvi ruħha f'negozjati ta' paċi sinifikattivi. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jħeġġeġ lir-Russja taqbel dwar waqfien mill-ġlied sħiħ, immedjat u mingħajr kundizzjonijiet, li l-Ukrajna qablet dwaru f'Marzu 2025, u jtenni l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-prinċipji stipulati fis-6 ta' Marzu 2025 li għandhom jiggwidaw in-negozjati għall-paċi.
4. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jikkontribwixxu għal dawn l-isforzi għall-paċi, b'mod partikolari permezz tal-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti, u billi tiġi intensifikata l-influwenza dinjija tagħhom, f'konformità mal-għan tal-Unjoni Ewropea li tippromwovi l-paċi, kif minqux fit-Trattati.

5. Ukrajna li kapaċi tiddefendi ruħha b'mod effettiv hija parti integrali minn kwalunkwe garanzija tas-sigurtà futura. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jinsabu lesti li jikkontribwixxu għal garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna, b'mod partikolari billi jappoġġaw il-kapaċità tal-Ukrajna li tipprevjeni l-aggressjoni u li tiddefendi lilha nnifisha b'mod effettiv, skont il-kompetenzi u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom, u f'konformità mad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma li għaddejja biex jiġu riveduti l-mandati tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għall-Ukrajna (EUAM Ukraine) u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine). L-Istati Membri huma impenjati li jikkontribwixxu għat-taħriġ u t-tagħmir tal-Forzi Armati Ukreni. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jiżdied l-appoġġ għall-Ukrajna f'konformità mal-Impenji konġunti ta' sigurtà bejn l-UE u l-Ukrajna.
6. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa kritika li jiġi żgurat li l-Ukrajna tibqa' reżiljenti u li jkollha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġieled l-aggressjoni tar-Russja.
7. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ttipprovdi lill-Ukrajna b'appoġġ finanzjarju regolari u prevedibbli fit-tul, flimkien ma' sħab u alleati tal-istess fehma. Fl-2025, l-Unjoni Ewropa pprovdiet EUR 20.5 biljun lill-Ukrajna, li minnhom diġà ġew żborżati EUR 6.5 biljun taħt il-Faċilità għall-Ukrajna, u EUR 14-il biljun taħt l-inizjattiva ERA tal-G7, li jitħallsu lura mill-profitti straordinarji li jirriżultaw minn assi Russi immobilizzati. Mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja sal-lum, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha pprovdew kważi EUR 177.5 biljun f'appoġġ lill-Ukrajna u l-poplu tagħha.
8. Il-Kunsill Ewropew jimpenja ruħu li jindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna għall-2026-2027, inkluż għall-isforzi militari u ta' difiża tagħha. Għalhekk, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, opzjonijiet ta' finanzjament abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill imexxu l-ħidma 'l quddiem, sabiex il-Kunsill Ewropew jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa li jmiss tiegħu. Soġġetti għad-dritt tal-UE, l-assi tar-Russja għandhom jibqgħu immobilizzati sakemm ir-Russja twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u tikkumpensaha għad-dannu kkawżat mill-gwerra tagħha.

9. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jkomplu jżidu l-isforzi biex jindirizzaw il-ħtiġijiet militari u ta' difiża urġenti tal-Ukrajna, b'mod partikolari s-sistemi ta' difiża tal-ajru u ta' kontra d-droni u l-munizzjon ta' kalibru kbir. Huwa kruċjali li titħaffef il-ħidma biex jissoktaw l-appoġġ, l-iżvilupp u l-investiment fl-industrija tad-difiża tal-Ukrajna, inkluż billi tiġi stabbilita l-produzzjoni tad-difiża Ukrena fl-Istati Membri, u biex jiġu approfonditi l-kooperazzjoni u l-integrazzjoni tagħha mal-industrija tad-difiża Ewropea, abbażi tal-esperjenza u l-ġarfien uniċi tal-Ukrajna.
10. L-appoġġ militari kollu kif ukoll il-garanziji tas-sigurtà għall-Ukrajna ser jingħataw b'rispett sħiħ għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċertu Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.
11. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attakki intensifikati tar-Russja fuq is-settur tal-enerġija tal-Ukrajna, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni tal-gass u t-tqegħid f'riskju tas-sikurezza u s-sigurtà tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Zaporizhzhia. Huwa jappella għall-mobilizzazzjoni tal-isforzi kollha biex tgħin b'mod urġenti fl-indirizzar tal-ħtiġijiet immedjati wara l-attakki u tissaħħaħ il-preparatezza tal-Ukrajna għax-xitwa. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, f'kooperazzjoni mas-sħab, ser jintensifikaw l-ġħoti ta' assistenza umanitarja u ta' protezzjoni ċivili lill-Ukrajna.
12. L-Unjoni Ewropea hija ddeterminata li żżomm u żżid il-perssjoni tagħha fuq ir-Russja biex twaqqaf il-gwerra brutali ta' aggressjoni tagħha, inkluż permezz ta' aktar sanzjonijiet. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tad-19-il pakkett ta' sanzjonijiet. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll l-importanza li titkompla l-koordinazzjoni mas-sħab tal-G7 dwar is-sanzjonijiet, u jissaħħu l-miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

13. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar miżuri biex jiġi mfixxkel l-operat tal-flotta mistura tar-Russja. Huwa jappella b'mod partikolari għall-indirizzar effettiv tar-riskji ambjentali u ta' sigurtà sinifikanti kkawżati mill-flotta mistura, b'mod partikolari billi jittejjeb l-infurzar tal-istandards tas-sikurezza ambjentali u marittima u billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati tal-bandiera. Għal dak l-għan, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom.
14. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-appoġġ minn pajjiżi terzi, u atturi u entitajiet fihom, li jippermettu lir-Russja ssostni l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-appoġġ militari li qed jibqa' jingħata mill-Iran, il-Belarussja u r-RDPK. Huwa jhegġegħ lill-pajjiżi kollha jwaqqfu minnufih kwalunkwe assistenza diretta jew indiretta lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.
15. Il-Kunsill Ewropew jappella b'mod urġenti lir-Russja u lill-Belarussja jiżguraw immedjatament ir-ritorn sikur lejn l-Ukrajna tat-tfal u tal-persuni ċivili l-oħra Ukreni kollha deportati u trasferiti illegalment lejn ir-Russja u l-Belarussja.
16. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE biex tiżgura li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
17. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-UE għall-perkors tal-Ukrajna lejn is-sħubija fl-UE, u jilqa' l-progress sinifikanti li l-Ukrajna kisbet s'issa taħt l-aktar ċirkostanzi diffiċli. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-Ukrajna, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jmessu 'l quddiem il-ħidma fuq il-proċess ta' adeżjoni, f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-mertu. Il-ġabra tal-elementi fundamentali ser tinfetħ l-ewwel u tingħalaq l-aħħar, b'kont meħud li l-ġabriet jinfetħu meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, f'konformità mal-metodoloġija tat-tkabbir. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota sew tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-ġabra tal-elementi fundamentali, dik dwar is-suq intern u dik dwar ir-relazzjonijiet esterni huma lesti li jinfetħu.
18. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.